

Brussell, 19 ta' April 2024
(OR. en)

8996/24

EDUC 131
DIGIT 118
SOC 291

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-Intelliġenza Artifiċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ: ngħaqqdu flimkien l-innovazzjoni teknoloġika ma' edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Presidenza ħejjiet in-nota ta' informazzjoni mehmūza, li qed tiġi ppreżentata bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tat-13 ta' Mejju 2024.

L-Intelliġenza Artifiċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ: nghaqqu flimkien l-innovazzjoni teknoloġika ma' edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd

Nota ta' informazzjoni mill-Presidenza

Il-possibbiltajiet offruti minn żieda fil-qawwa komputazzjonali, id-disponibbiltà tad-data u l-avvanzi fl-algoritmi għamlu l-intelliġenza artifiċjali (IA) ir-rivoluzzjoni teknoloġika ewlenija ta' żminijietna. Billi jtejjeb it-tbassir, jottimizza l-operazzjonijiet u jippersonalizza soluzzjonijiet diġitali għall-individwi u l-organizzazzjonijiet, l-użu tal-IA jista' jipprovdi vantaġġ kompetittiv ewlieni biex jappoġġa eżiti ta' benefiċċju soċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-wasla ta' mudelli ġenerattivi tal-IA qanqlet ħafna mistoqsijiet u dibattiti, li ħallew impatt fuq varjetà ta' ambjenti tax-xogħol, inkluż il-media, l-edukazzjoni u t-taħriġ u r-riċerka.

Żviluppi u inizjattivi Ewropej

F'Novembru 2019, matul il-Presidenza Finlandiża, l-Istati Membri rrikonoxxew kemm il-potenzjal tal-IA li tipprovdi edukazzjoni aktar inklużiva, stimulanti u personalizzata, kif ukoll it-tħassib fir-rigward ta' kwistjonijiet etiċi, il-protezzjoni tad-data u l-isfidi għall-professjoni tat-tagħlim¹. Huma qablu li l-oġettiv għandu jkun li ssir ħidma lejn l-integrazzjoni affidabbli u responsabbli tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell Ewropew.

¹ 13297/19.

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027². Il-pjan ta' azzjoni jissottolinja l-ħtieġa li titrawwem ekosistema tal-edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja u li jissaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għat-trasformazzjoni diġitali.

Huwa jħabbar l-iżvilupp tal-*Linji Gwida Etiċi għall-edukaturi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u d-data fit-tagħlim u fl-apprendiment*³ biex tingħata bażi solida għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel fl-espansjoni tal-użu tagħhom ta' dawn it-teknoloġiji b'mod sikur, xieraq u etiku.

F'Novembru 2023, il-Kunsill adotta żewġ rakkomandazzjonijiet dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali⁴, u dwar it-titjib tal-forniment ta' ħiliet u kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ⁵. Huma jissottolinjaw b'mod partikolari l-fatt li huwa kruċjali li jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-istituzzjonijiet tal-apprendiment mhux formali, kif ukoll l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal edukattiv ieħor, fl-iżvilupp ta' fehim aħjar dwar teknoloġiji ġodda u emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali u kif dawn jistgħu jintużaw b'mod kunfidenti u sikur biex jittejjbu t-tagħlim u l-apprendiment.

L-abbozz tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁶, li dalwaqt ser jiġi adottat, għandu l-għan li jikseb bilanċ bejn iż-żamma tal-opportunitajiet għall-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiċi, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali jiġu ppreservati.

² COM(2020) 624 final.

³ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, "Linji Gwida etiċi għall-edukaturi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u d-data fit-tagħlim u fl-apprendiment", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2023 dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali, ĠU C, C/2024/1115, 24.1.2024.

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2023 dwar it-titjib tal-forniment ta' ħiliet u kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, ĠU C, C/2024/1030, 23.1.2024.

⁶ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni (COM(2021) 206 final).

It-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-istudenti u tal-għalliema

Il-kwistjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għall-istudenti u l-għalliema hija ta' importanza kbira. Din tikkonċerna l-ħiliet u l-kompetenzi relatati mal-IA u l-applikazzjoni tagħha fl-apprendiment, f'kuntest professjonali u, b'mod aktar ġenerali, għan-nies bħala ċittadini Ewropej. Il-*Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp) 2.2*⁷ ġie aġġornat f'Marzu 2022 biex iqis il-ħiliet relatati mal-IA bħal kif jaħdmu l-għodod tal-IA, l-interazzjonijiet bejn l-IA u l-utent, u l-kapaċità li wieħed jagħmel sens minn dawn l-għodod u li jifhem il-limitazzjonijiet tagħhom.

It-tagħlim tul il-ħajja u l-inklużjoni

L-IA tista' ġgħib bidla kbira fl-approċċi u l-prattiki tat-tagħlim tul il-ħajja. Hija toffri opportunitajiet biex l-apprendiment jiġi personalizzat, takkumpanja lill-istudenti f'kull ħin, tiddetermina perkorsi ta' apprendiment xierqa, u tipprova ambjenti ta' apprendiment varjati, interattivi u attraenti: dawn il-possibiltajiet għandhom potenzjal enormi biex jappoġġaw l-apprendiment u jiġġieldu l-inugwaljanzi f'dan il-qasam. L-għodod tal-IA jistgħu jgħinu fit-taħriġ u l-emanċipazzjoni tan-nies li jkollhom biss aċċess limitat għas-sistemi tradizzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Madankollu, jekk din l-innovazzjoni tkun ibbażata esklużivament fuq il-profittabbiltà ekonomika, hemm riskju reali li jiṭwessa' d-distakk diġitali: id-distakk bejn l-istudenti li jista' jkollhom aċċess għal għodod ta' apprendiment bi prestazzjoni għolja iżda potenzjalment għaljin u dawk li ma jkollhomx, u bejn dawk li setgħu żviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi biex isiru esperti f'dawn l-għodod u dawk li ma setgħux. L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jiżguraw li dan ir-riskju ta' diskriminazzjoni u inugwaljanza fl-aċċess jiġi limitat.

⁷ Vuorikari, R., Kluzer, S. and Punie, Y., DigComp 2.2: The Digital Competence Framework for Citizens - With new examples of knowledge, skills and attitudes (Il-Qafas tal-Kompetenza Digitali għaċ-Ċittadini - B'eżempji godda ta' għarfien, hiliet u attitudni), L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022.

Ir-rwol tal-għalliema u l-ħarrieġa

L-IA għandha wkoll il-potenzjal li tappoġġa lill-għalliema u lill-ħarrieġa fl-implimentazzjoni ta' apprendiment effiċjenti u ċċentrat fuq l-istudent, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi, tippromwovi d-differenzjazzjoni pedagoġika u tiżviluppa apprendiment adattiv. L-użu mifrux tal-IA fl-ambjenti tal-apprendiment u fis-soċjetà x'aktarx ser iwassal għal riflessjoni mill-ġdid dwar il-prattiki tat-tagħlim, mingħajr ma jimmina r-rwol tal-għalliem. Huwa essenzjali li l-għalliema u l-ħarrieġa jiġu appoġġati hekk kif isiru familjari ma' dawn it-teknoloġiji l-ġodda, bl-għan li tiġi evitata l-insigurtà, b'mod partikolari insigurtà legali fl-użu tal-għodod tal-IA. L-IA għandha tikkontribwixxi għall-benesseri tal-għalliema u tal-ħarrieġa billi tiffaċilita l-prattiki tagħhom, aktar milli potenzjalment tiżvaluta l-professjoni tat-tagħlim.

Kwistjonijiet soċjetali u etiċi

L-identifikazzjoni tad-deep fakes, il-kontenut tal-media manipulat mill-IA u l-output prodott minn mudelli ġenerattivi tal-IA huma sfidi ġodda. Is-sensibilizzazzjoni tal-istudenti dwar dawn il-kwistjonijiet mhijiex biss dwar il-propaganda jew il-preservazzjoni tal-valuri demokratiċi. Id-diżinformazzjoni diġitali jew il-miżinformazzjoni huma wkoll ostaklu għall-iżvilupp ta' ħiliet bħall-ħsieb analitiku, il-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi u l-apprendiment indipendenti.

Fid-dawl tal-informazzjoni ppreżentata, il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex jiskambjaw fehmiet u jaqsmu l-esperjenzi dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

1. Kif jistgħu s-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ jitħejjew għall-isfidi li ġġib magħha l-IA filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-opportunitajiet li għandha x'toffri? L-IA diġà qed ikollha impatt fuq is-sistemi nazzjonali tiegħek tal-edukazzjoni u t-taħriġ?
2. X'miżuri jistgħu jittieħdu fil-livell Ewropew, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, biex isir l-aħjar użu mill-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ filwaqt li tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd?